MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-22 ta' April, 2004

Talba Numru. 1457/2002/1

**Marvin Darmanin**

**Vs**

**Emmanuel Cilia**

It-Tribunal,
Ra l-avviz fi-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' Gunju 2002 fejn 1-attur talab sabiex il-konvenut ihallas 1-ammont ta' Lm700 (sebgha mitt lira Maltin) bhala danni kagunati f incident awtornobilistiku f 'Hal-Tarxien.

Fl-avviz tat-talba intqal:-
Permez tal-prezenti qed jintalab il-hlas ta' sebgha mitt lira Maltin (Lm700) f'danni kagunati fuq il-vettura tal-attur fl-incident awtomobilistiku illi gara fis-16 ta' Novembru 2001 ghall-habta ta' 22:00 f'Tarxien, bejn il-vettura Peugeot 306 binnumru ta' registrazzjom AAC 954 misjuqa mill-konvenut Emmanuel Cilia ta' Bini tal-Gvern, Entrance A, Flat 4, Triq il-Kbira Zebbug, u l-vettura Ford Escort bin-

numru ta’ registrazzjom HAC 173, misjuqa mill-attur Marvin Darmanin, liema

incident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma’ l-avviz kontra s-socjeta’ assikuratrici tal-konvenut ai termini tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, u bl-imghax minn din id-data, kontra 1-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad li t-talbiet kif dedotti fl-avviz ta’ talba odjern ghandhom ikunu michuda fil-fatt, fid-drift u fil-mertu stante:
1. Illi s-socjeta’ assikuratrici tal-attur halset lil konvenut Emmanuel Cilia halset a saldu l-pretenzjomjiet attrici mertu ta’ din l-kawza u ghalhekk 1-attur m’ghandu jiehu xejn mill-konvenut kif se jkun pruvat waqt it-tratazzjoni tal-kawza.
2. Salv eccezzjomjiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra 1-attur.

Sema’ x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:
Illi jigi rilevat li dan huwa kaz partikolari fis-sens li d-danni sofferti mill-konvenut fil-vettura gew risarciti mis-socjeta’ asikuratrici tal-vettura tal-attur. Dan ma qabilx mal-konkluzjonijiet taghha tant li fittex gjudizzjarjament lil-konvenut ghaddanni tieghu. Ovjament s-socjeta’ assikuratrici meta thallas u 1-assigurat taghha ma jaqbilx, il-pagament issir minnha minghajr pregudizzju ghad-drittijiet tal-assigurat taghha.

Jirrizulta li 1-konvenut kien ghadhu fit-triq principali cioe' Dejma Road, Tarxien.
Zewg (2) vetturi hargulhu minn fuq ix-xellug tieghu cioe' mid-dhul/hrug ta' Buleben Industrial Estate. Karozza wahda harget minn naha hazina u dik tal-attur harget mill-parti t-tajba ossia minn fuq stop sign. Dina intiza biex taghti precedenza ghal vetturi li gia kienu fuq it-triq principali. L-attur ried jaqsam it-triq biex imur fit-triq opposta. Il-kontestazzjoni hi precizament f'dan il-punt cioe' ghaliex saret il-habta. L-attur jikkontendi li waqaf, hareg, rega waqaf u 1-konvenut dahal go fih minhabba 1-vettura 1-ohra. Il-konvenut jikkontendi li 1-attur baqa hiereg minghajr ma waqaf, bhal vettura l-ohra.

Li gara zgur huwa din it-tielet vettura ostakolat liz-zewg kontendenti. Peress li hargitilhu minn fuq il-lemin tieghu, 1-attur ma rax lil konvenut gej. Fil-waqt li 1-konvenut ra din it-terza vettura taqla u biex jevitha spicca habat mal-vettura talattur.

Illi huwa sintomatiku 1-agir tal-attur. Ma kellux vizwali ottimali biex jesplora t-triq qabel ma sporgja ghal go Dejma Road u kien f'dak il-mument propizju li lkonvenut dahal go fih. L-attur naqas li jiehu dawk il-prekawzjonijiet necessarji ta' prudenza u diligenza meta gie biex johrog fuq l-stop sign. Dan is-sinjal kellu ikun indikazzjoni bizzejjed ghalih biex isuq skond ir-regolamenti.

Jiddeciedi billi jilqa' 1-eccezzjom tal-konvenut, jichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra 1-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------